MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2010

Numru 824/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfred Mallia)**
**vs**

**MARIO CASSAR**
**DOLORES CASSAR**
**LORAINE PULLICINO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mario Cassar ta' 35 sena bin Nazzareno u Maria Dolores nee' Coleiro, mwieled Zabbar fid-29/06/1969, residenti 'Marita', Triq il-Karmnu, Fgura u detentur tal-karta ta' l-identita 387269M.

U

Dolores Cassar 61 sena mart Nazzareno, bint il-mejtin Saviour Coleiro u Mary nee' Cassar, mwielda Naxxar fit-02/06/1943, residenti 31, Triq G. Agius Muscat, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita 496243M.

U

Loraine Pullicino 30 sena mart Horace, bint Nazzareno u Maria Dolores nee' Coleiro, mwielda Attard fl-10/09/1974, residenti 31, Triq G. Agius Muscat, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita 492574M.

Billi gew akkuzati talli fit-13 t'April 2004 ghal habta ta' l-erbgha ta' filghaxija gewwa Triq l-Oratorju, Bormla, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu l-hajja f'periklu car, ikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rita Cassar ID: 268672M, kif iccertifikat Dr. Julie Galea MD Reg. No: 9781.

Akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi heddew, offendew u ingurjaw lil istess Rita Cassar bi ksur tal-art. 339(e) u 252 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess cirkostanzi volontarjament kiser l-bon-ordni u l-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Art. 338(dd) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba li f'kaz ta' htija, tapplika l-art. 383 tal-kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Rita Cassar.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. AM7 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni.

Dan il-kaz jirrigwarda incident li allegatament sehh fit-13 t'April 2004 ghal habta ta' l-erba' ta' filghaxija gewwa Triq l-Oratorju Bormla u fejn, allegatament, l-imputati ikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rita Cassar I.D.: 268672M; heddew, offendew u ingurjaw lill-istess Rita Cassar u volontarjament kisru l-bon-ordni pubbliku u l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Fl-ewwel lok il-Qorti sejra ticcita brani mid-deposizzjoni li tat Rita Cassar fis-Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2004 fejn, inter alia, qalet: "…………………
…………………………………………………………………
…………"

"U kif hrigt ezatt mill-bieb ta' barra sibt lil Mario Cassar ezatt go wicci. Nghid jiena dak il-hin inhsadt ghax solitament dana jkun fit-tarf tat-triq, imbaghad minn naha wahda harget omm Cassar u min-naha l-ohra harget ohtu, ……………"

"Nghid dak il-hin Mario Cassar qalli biex intih it-tfal u mbaghad qabzet ommu u qaltli "<u>Ejja ha nurik fejn thammigli lil ibni</u>". Dak il-hin imbaghad qabzet oht Mario Cassar, cjoe' Loraine Pullicino, u din bdiet tghajjarni. Lili dina bdiet tghidli kliem oxxen. Huwa ried ic-cavetta tad-dar halli jitla' ghat-tfal u jien ghidtlu illi minhabba l-attitudni li haduni t-tfal ma kontx se ntihomlu. Ic-cavetta tad-dar kienet f'idejja, b'id wahda beda jzommli idejja u b'id l-ohra beda jipprova jigbidli c-cavetta minn idi. Nghid u illi omm

Cassar, cjoe' Dolores Cassar, bdiet izzommli idi l-ohra. Jiena pprovajt inzomm ic-cavetta billi bdejt nigbed halli nzomm ic-cavetta, f'daqqa wahda Loraine Pullicino bdiet tigbidli xaghari, imbaghad zewgi Mario Cassar tani daqqa ta' sieq. Jiena mad-daqqa ta' sieq mill-ewwel inzilt ma' l-art, imbaghad it-tlieta li huma, u cjoe' allura t-tliet imputati, bdew ituni bis-sieq, tawni go rasi, bdew ituni go dahri u bdew ituni anki fuq zaqqi. Jiena intlift minn sensija u huma haduli c-cavetta. Ghal ftit mumenti jiena ma kontx naf x'kien qed jigri. Jiena mbaghad meta gejt f'sensija ftaht ghajnejja, sibt li l-bieb tal-*flat* kien miftuh. Jiena ma stajtx nimxi, allura bdejt nitkaxxkar ma' l-art u mbaghad innutajt li gol-*flat* isfel kien hemm Dolores Cassar u Loraine Pullicino u mit-tarag innutajt lill-imputat Mario Cassar niezel it-tarag bit-tfal, wahda f'idu u l-ohra jzommha minn idha, imbaghad ergajt intlift minn sensija." "……………………..". (sottolinjar tal-Qorti).

"Nixtieq inzid nghid li meta r-ragel kien tela' fuq fil-*flat* ghat-tfal huwa kien sgassa l-bieb tal-*flat*. Nixtieq inzid nghid illi dakinhar ir-ragel kien liebes zarbun tax-xoghol bil-ponta tal-hadid." (sottolinjar tal-Qorti).

"…………………………………………."

"Jiena bl-ebda mod ma zammejt lill-imputati b'mod fiziku milli dawna jidhlu fil-*flat*, pero' jiena ghidtilhom li minhabba li haduni b'dak it-ton ta' herra jiena ma ridthomx jidhlu gewwa."

Issa il-Qorti sejra ticcita ghal brani mid-deposizzjoni tal-imputat Mario Cassar li fis-Seduta tal-15 ta' Gunju, 2007, inter alia, qal:

"……………………………………." Nghid x'hin marti kienet indirizzat lili, lili ma attakatniex pero' x'hin indirizzat lill-ohti hija attakkat lill-ohti li hija l-ko imputata Loraine Pullicino. Pero' nixtieq nippreciza li lili, x'hin kellmet lilli kienet attakatni bil-kliem, ma attakatniex bil-forza. Nghid illi jiena marti kienet attakkat lill-ohti Lorraine Pullicino billi marret imbuttata. Jiena mort nipprova niftah il-bieb nghid pero' li ma stajtx. Nghid pero' imbaghad hadt ic-cavetta minghand marti ftaht il-bieb u tlajt 'il fuq. Jiena c-cavetta hadtha minghand marti. Din kellha c-cavetta f'idejha u jien gbidtha minn idejha fis-sens li jien kull ma ghamilt li gbidt ic-cavetta minn idejn marti. La tajtha bis-sieq u lanqas imbuttajta. Jiena imbaghad tlajt fuq ghat-tfal". "……………………..".

Inghid li l-ko imputati kienu qeghdin sa kemm jiena biex nitla' fuq fil-parti komun tal-flats. Nghid illi qabel ma jiena tlajt it-tarag li kont rajt kien illi marti u Lorraine Pullicino kienu gew fl-idejn." "…………………………
……." "Jiena fl-ebda mument rigwardanti dan l-incident li semmejt ma jiena heddidt, offendejt jew ingurjajt lil marti. Jiena fl-ebda hin f'dan l-incident ma erfajt idejja fuq marti u b'xi mod sawwattha jew tajtha b'xi mod jew b'idejja jew inkella b'xi oggett."

In kontro-ezami l-istess imputat Mario Cassar fl-istess Seduta, inter alia, qal: "……………………………………………………………….." "<u>Nghid illi jiena c-cavetta rnexxili nohodha ghaliex fil-hin li nnutajt illi kemm marti kif ukoll ohti Lorraine Pullicino kienu spiccaw qeghdin jiggieldu mal-art innutajt illi l-mara kellha c-cavetta f'idha. Jiena qbadt ic-cavetta u gbidtha</u>." (sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti sejra ticcita bran mill-kontro ezami tal-imputata Dolores Cassar li fis-Seduta tal-5 t'Ottubru, 2007, inter alia, qalet:

"<u>Nghid Mario l-imputat ha dawn ic-cwievet minghand Rita meta n-nisa kien ghadhom lanqas bdew jillitigaw u nghid illi hadomlha meta Rita kienet ghadha bil-wieqfa. Nghid meta Mario kien imbaghad tela' fuq binti qalet xi haga lil</u>

<u>Rita</u>. Rita rrispondieta biex ma tindahalx ghax iddahlilha subghajha f'ghajnha u mbaghad bdew jaghtu bejniethom in-nisa." (sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti hawn tosserva li din il-verzjoni moghtija min din l-imputata Dolores Cassar kif l-imputat Mario Cassar ha c-cavetta minghand martu tikkontradixxi dak li qal l-imputat Mario Cassar in kontro-ezami ta' kif ha c-cavetta minghand martu u kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza. Tali kontradizzjoni timpingi hafna fuq il-kwistjoni ta' kredibilita tal-verzjonijiet li taw iz-zewg imputati Mario Cassar u Dolores Cassar f'dak li xehdu f'din il-kawza.

Rigward in-natura tal-griehi sofferti minn Rita Cassar li jirrigwardaw l-incident mertu ta' din il-kawza, il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjonijiet tat-tobba li xehdu f'din il-kawza u ic-certifikati medici esebiti.

Pero' il-Qorti sejra senjatament ticcita bran mid-deposizzjoni ta' Dr. Frederick Zammit Maempel M.D. moghtija fis-27 ta' Novembru, 2006, fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:

"Nghid illi jien lil Rita Cassar karta ta' l-identita' numru 268672M kont ezaminajtha fil-15 ta' April tas-sena 2004 u kont ezaminajtha fl-Isptar San Luqa………" "………………………………………………"

"Hi kienet giet l-isptar minhabba li kellha l-ghaksa tax-xellug li kienet minfuha u kienet ukoll imbengla u minfuha u kienet qed thoss l-ugiegh. Hi kienet giet ezaminata mit-tabib tal-Casualty, ittiehdu X Rays u nstab li kellha ksur ta' l-ghaksa. Giet ammessa l-isptar, fis-sala tieghu u jien rajtha l-ghada filghodu. Jien iddecidejt li din ma' kelliex bzonn operazzjoni u trattajtha b'gibs. L-ghada filghodu bghatniha d-dar bil-gibs imbaghad konna rajnieha out-patients. Sitt gimghat wara rajnieha l-out-patients u

nehhejnielha l-gibs u din inbtaghtet ghat-terapija u fejn ghandi n-notamenti ta' l-isptar din kienet l-ahhar darba li din giet l-isptar. Nghid illi jien il-klassifika li tajtha ghal griehi sofferti huma ta' gravi per durata." (sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti tirrileva li din il-kawza tippernja ruhha fuq kwistjoni ta' kredibilita ta' xhieda. Din il-Qorti kellha l-opportunita li tisma xhieda viva voce u l-Qorti hi tal-fehma li minn ezami tal-kumpless tal-provi migjuba u fid-dawl tas-suespost il-verzjoni moghtija mix-xhud Rita Cassar hi wahda kredibbli.

Ghaldaqstant il-Qorti qeda tasal ghal konkluzzjoni li rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputati kollha u li tinkwadra ruhha fl-artikoli 216(1)(d) tal-Kap. 9 tirrizulta fil-konfront tal-imputati kollha, li rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputati kollha li tinkwadra ruhha fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tirrizulta biss fil-konfront tal-imputati Dolores Cassar u Loraine Pullicino u ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata fil-konfront tal-imputat Mario Cassar, u li rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputati kollha liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tirrizulta fil-konfront tal-imputati kollha.

Rat fil-konfront tal-imputat Mario Cassar l-artikoli 17, 214, 216(1)(d) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat fil-konfront tal-imputati Dolores Cassar u Loraine Pullicino l-artikoli 17, 214, 216(1)(d), 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Mario Cassar hati tal-ewwel akkuza u it-tielet akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza il-fedina penali netta tal-imsemmi imputat nkwantu ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-istess imputat Mario Cassar, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-istess imputat Mario Cassar ghall-piena ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Mario Cassar jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija u nkwantu ghat-tielet akkuza migjuba kontra l-istess imputat Mario Cassar tikkundanna lill-imsemmi imputat Mario Cassar ghall-piena ta' tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmi ta' Euro (Euro 58.23) ammenda.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-istess imputat Mario Cassar stante li din it-tieni akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata fil-konfront tal-imsemmi imputat Mario Cassar, il-Qorti tillibera lill-istess imputat Mario Cassar minn din it-tieni akkuza.

Issib lill-imputata Dolores Cassar hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imsemmija imputata Dolores Cassar nkwantu ghall-ewwel akkuza migjuba kontra taghha wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-istess imputata Dolores Cassar ghall-piena ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputata Dolores Cassar

tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija, nkwantu ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputata Dolores Cassar tikkundanna lill-istess imputata Dolores Cassar ghall-piena ta' tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmi ta' Euro (Euro 58.23) ammenda u nkwantu ghat-tielet akkuza migjuba kontra l-imsemmija imputata Dolores Cassar tikkundanna lill-istess imputata Dolores Cassar ghall-piena ta' tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmi ta' Euro (Euro 58.23) ammenda.

Issib lill-imputata Loraine Pullicino hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imsemmija imputata Loraine Pullicino nkwantu ghall-ewwel akkuza migjuba kontra taghha wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-istess imputata Loraine Pullicino ghall-piena ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputata Loraine Pullicino tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija, nkwantu ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputata Loraine Pullicino tikkundanna lill-istess imputata Loraine Pullicino ghall-piena ta' tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmi ta' Euro (Euro 58.23) ammenda u nkwantu ghat-tielet akkuza migjuba kontra l-imsemmija imputata Loraine Pullicino tikkundanna lill-istess imputata Loraine Pullicino ghall-piena ta' tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmi ta' Euro (Euro 58.23) ammenda.

Inoltre il-Qorti, a tenur tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-imputati Mario Cassar, Dolores Cassar u Loraine Pullicino b'obbligazzjoni personali ta' tmin mitt Euro (Euro 800) kull wiehed\wahda li jzommu l-kwiet ma' Rita Cassar u li jzommu il-bon-ordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Mario Cassar, Dolores Cassar u Loraine Pullicino l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------